TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT/63/16/S

*Mark Spiteri u Theresa Mallia*
*vs*
*Christian Pirotta*

Illum, 14 ta'Marzu, 2018.

It-Tribunal:

Ra l-Avviż tat-Talba ta' Mark Spiteri u Theresa Mallia ippreżentat fil-21 ta' Marzu 2016 kif ukoll ir-Risposta ta' Christian Pirotta ippreżentata fit-3 ta' Novembru 2016;

Ra d-dokumenti ippreżentati, sema' lill-partijiet kif ukoll ix-xhieda kollha mressqa u t-trattazzjoni magħmula fis-seduta tal-14 ta' Diċembru 2017.

Ikkunsidra:

Illi fl-Avviż tat-Talba, ir-rikorrenti talbu li l-intimat ikun ikkundannat iħallashom l-ammont ta' €1246.50, liema talba tirrigwarda xogħol difettuż tal-aluminju li ma tranġax mill-intimat minkejja żewġ attentati;

Illi fir-Risposta, l-intimat essenzjalment eċċepixxa:

- Li x-xogħol relattiv ma sarx minn Mifsud Aluminium;

- Li r-rikorrenti tant kienu sodisfatti bix-xogħol li ħallsu u sar ftehim li kellhom isiru sitt itwieqi oħrajn;

- Li tlett ġimgħat wara li twaħħlu t-twieqi, Pirotta irċieva telefonata fejn ir-rikorrenti allegaw dħul ta' ilma;

- Li r-rikorrenti ġabet perit li spezzjona l-post fid-dlam fejn bi ftehim, inqalgħu erbat itwieqi minn dawk installati u sa dak it-tant, Pirotta ġie mitlub ikompli bix-xogħol li kien fadal;

-Li wara tlett ġimgħat oħra, Pirotta rċieva telefonata mingħand ir-rikorrenti fejn dawn talbuh jieħu x-xogħol lura u jirrifonda l-flus.

Illi fis-seduta tal-15 ta' Diċembru 2016, l-intimat Pirotta xehed li huwa kien jeżerċita n-negozju f'ismu personali u mhux f'isem Mifsud Aluminium u sussegwentement, it-Tribunal ordna korrezzjoni fl-okkju sabiex l-intimat ikun biss Christian Pirotta. Il-partijiet m'opponewx;

Illi r-rikorrenti Theresa Mallia ikkonfermat il-kontenut tal-Avviż tat-Talba bil-ġurament u xehdet li għalkemm kienet tat diversi ċansijiet lil Pirotta biex jirranġa x-xogħol li huwa għamel, dawn iċ-ċansijiet ma swew xejn;

Illi Mallia xehdet ukoll li Pirotta ra l-ilma li kien daħlilha u l-perit David Vassallo ħejja rapport fil-preżenza ta' Pirotta stess u qal li kellu jinbidel l-aluminju b'aluminju ġdid;

Illi skont Mallia, Pirotta għamlilha tlettax-il tieqa u hi kienet ħallsitu permezz ta' żewġ ċekkijiet (Dok. TM1 u TM2) għal disa' mija u ħamsa u għoxrin Ewro (€925.00) u għal tlett mija u għaxar Ewro (€310.00) rispettivament;

Illi Mallia xehdet ukoll li Pirotta bidel it-twieqi pero l-problemi ma ssolvewx;

Illi in kontro-eżami, ir-rikorrenti Mallia spjegat li l-ewwel żewġt itwieqi li saru kienu dawk tal-*washroom* iżda wara, Pirotta tqabbad jagħmel twieqi oħrajn bil-kundizzjoni li jirranġa t-tnejn li kien għamel stante li kien laqathom bil-*grinder;*

Illi Mallia kompliet tixhed li għalkemm meta l-perit aċċeda fuq il-post kien id-dlam, intużat *spotlight* kbira biex tagħti d-dawl;

Illi Mallia xehdet ukoll li meta Pirotta ġab erbat itwieqi oħrajn li kellhom suppost jinbidlu, żewġha qallu ma jwaħħalhomx għax kien ser iwaħħalhom hu stante li fil-fehma tiegħu, ix-xogħol ta' Pirotta kien ħażin;

Illi minkejja diversi opportunitajiet, l-intimat Pirotta qatt ma xehed jew ressaq xi provi u għalhekk, għandu jitqies li essenzjalment ammetta t-talba, speċjalment fid-dawl tal-fatt li meta xehdet Theresa Mallia fis-seduta tal-15 ta' Diċembru 2016, l-

intimat Pirotta kien preżenti u kien ukoll assistit u għalhekk ma jistax jingħad li ma kienx jaf x'kien qiegħed jiġri;

Illi l-konklużjoni tal-espert *ex parte* l-perit David Vassallo kienet: "*It is my professional opinion, that the apertures as manufactured and installed do not meet industry standards, and that these would need to be removed and replaced as necessary*";

Illi dan ir-rapport ma ġie kkontradett b'ebda mod mill-intimat li kellu diversi opportunitajiet biex jixhed u jippreżenta dokumentazzjoni in sostenn tal-eċċezzjonijiet tiegħu;

Illi fl-eċċezzjonijiet tiegħu, l-intimat Pirotta qal li meta huwa stess aċċeda fuq il-post fix-xita biex jivverifika jekk kienx qed jidħol ilma, sab li l-ġibs ta' mal-aluminju kien qiegħed jixxarrab;

Illi t-Tribunal jinnota li Pirotta qatt ma ċaħad li kien qiegħed jidħol l-ilma u fir-Risposta, qatt ma qal li d-dħul tal-ilma mill-ġibs ma kienx ħtija tiegħu;

Illi fid-dawl ta' dan kollu, partikolarment in-nuqqas tal-intimat li jressaq il-provi tiegħu, it-Tribunal josserva l-intimat ma kkontestax it-talbiet tar-rikorrenti ħlief għal dak li qal fir-Risposta;

Illi t-Tribunal jinnota li r-rikorrenti xehdu u ppreżentaw rapport *ex parte* filwaqt li l-intimat naqas li jidher kemm-il darba minkejja li kien jaf sewwa bir-rapport *ex parte* u b'dak li xehdet ir-rikorrenti;

Illi bħala parti mix-xhieda, ir-rikorrenti ressqet provi (permezz ta' kopji ta' ċekkijiet) li jikkonfermaw il-ħlas ta' disa' mija u ħamsa u għoxrin Ewro (€925.00) u tlett mija u għaxar Ewro (€310.00), b'hekk total ta' elf, mitejn u ħamsa u tmenin Ewro (€1,285.00);

Illi billi dan l-ammont jeċċedi l-ammont mitlub mir-rikorrenti, it-Tribunal jemmen li t-talba tar-rikorrenti fl-ammont ta' elf, mitejn u sitta u erbgħin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€1,246.50) mitlub mir-rikorrenti timmerita li tkun milqugħa.

*Deċide*

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-Talba tar-rikorrenti fl-intier tagħha u jikkundanna lill-intimat Christian Pirotta jħallas l-ammont ta' €1246.50 lir-rikorrenti kif hekk mitlub.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż ta' dawn il-proceduri jitħallsu mill-intimat.

Richard Sladden Av.
Arbitru